

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.5658 – Unilever/Sara Lee Body Care)**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
**(2010/C 108/06)**

1. Fil-21 ta' April 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (<sup>(1)</sup>) li permezz tagħha l-impriża Unilever N.V., l-Olanda, u Unilever Plc, ir-Renju Unit, (flimkien "Unilever") jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ tal-impriża Sara Lee Household and Body Care International ("Sara Lee Body Care", l-Olanda), li hija proprietà ta' Sara Lee Corporation ("Sara Lee", l-Istati Uniti tal-Amerika) permezz ta' offerta irrevokabbli li torbot, imħabbra fil-25 ta' Settembru 2009, u miftiehma minn Sara Lee li taċċetta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Unilever hija manifattur multinazzjonali ta' prodotti tal-konsumatur imfittxija ħafna fis-suq. In-negozju prinċipali tagħha huwa fil-kategoriji tal-ikel, tal-kura tad-dar u tal-kura personali,
- Sara Lee Body Care hija attiva fis-swieq tal-kura personali u l-kura tal-ħasil tal-ħwejjeġ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikkazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5658 – Unilever/Sara Lee Body Care, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
 Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
 Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
 J-70  
 1049 Bruxelles/Brussel  
 BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet).